**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 4 ta' Dicembru 2001**

**Rikors Nru: 78/01A**

**Carmelina u George konjugi Pisani**

**Vs**

**Vincent Tabone**

Il-Bord,

Ra r-rikors:

Illi il-konjugi Pisani huma s-sidien tal-fond 261, Triq Rue D' Argens Gzira.

Illi l-imsemmi fond 261 Triq Rue D' Argens, Gzira huwa mikri lill-intimat Vincent Tabone b' kera ta' sittax-il Lira Maltin (Lm16) fis-sena. L-iskadenza li jmiss taqa nhar l-ewwel ta' Novembru 2001.

Illi l-kera ta' sittax il-lira Maltin (Lm16) fis-sena hija baxxa hafna u ghandha tigi riveduta.

Ghaldaqstant il-konjugi Pisani jitolbu lil dana l-Onorabbli Bord tal-Kera sabiex jiffissa tal-kera xieraq ghal-dana l-fond.

Ra r-risposta;

lli l-intimat jikkonferma li huwa inkwilin tal-fond 261, Triq Rue D' Argens, Gzira bhla l-unika residenza tieghu, ghall-kera ta' sittax-il lira Maltin (Lm16.00);

Illi l-kera hija wahda gusta u ghalhekk ghandha tigi konfermata;

Ra d-digriet tieghu tas-7 ta' Novembru 2001 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Joseph Briffa u l-AIC Anthony Fenech Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li minnha jirrizulta li l-kera xieraq hu ta' tletin lira (Lm30) Maltija fis-sena, liema relazzjoni tqeghdet ghad-disposizzjoni tal-partijiet.

Jiffissa l-kera xieraq tal-fond 261, Triq Rue d' Argens il-Gzira fl-ammont ta' tletin lira fis-sena (Lm30) tithallas kull sena bil-quddiem l-ewwel skadenza fl-1 ta' Novembru 2001; ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Dep.Reg Magistrat